# Beati u Qaddisin...Novembru

## SAN MARTIN, ISQOF TA' TOURS

## 11 TA' NOVEMBRU



Meta kien ghadu tfajjel, Martin sar katekumenu nisrani kontra x-xewqa tal-genituri tieghu. U meta kellu hmistax-il sena missieru, suldat pagan dahhlu fl-armata ta' l-imperatur. Meta jum wiehed xitwi kien stazzjonat gewwa Amiens, iltaqa' ma' fqir nofsu gheri u mrezzah bil-bard. Ma kellux flus, izda dak li seta' jaghmel ghalih ghamlu. Qata' nofs il-mantell u tah bicca minnu.

Dik il-lejla hu ra lill-Mulej imlibbes b'nofs mantell u semghu jghid lil angli: "Martinu minkejja li ghadu katekumenu libbisni bi hwejgu."

Din il-grajja geghlitu jitlob il-Maghmudija u ftit wara halla l-armata. Irnexxilu jkkonverti lil ommu, imma billi mkecci mill-Arjani huwa sab kemm ma' San Ilarju u waqqaf kunvent hdejn Poitiers fi Franza. Fis-sena 372 huwa kien maghzul isqof ta' Tours. L-insara li taghhom kellu r-responsabilita,

kienu biss insara ta' l-isem ghaliex f'qalbhom kienu ghadhom ihaddnu l-paganezmu. Bil-hegga tieghu ghal appostolat u mghejjun minn patrijiet ohra, huwa kien strumentali biex il-poplu jabbanduna l-uzanzi pagani u jhaddan tassew il-verita'. L-ahhar hdax-il sena huwa ghaddihom umilment ipatti ghan-nuqqasijiet tieghu filwaqt li Alla inqeda' bih biex jaghmel bosta mirakli.

Riflessjoni – Kien ghal Kristu mislub li San Martin hadem bla heda. U inti qed taghmel l–istess haga ghall-Mulej?